**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN
Citta` Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 02/18**
**Data:** It-Tlieta, 13 ta' Frar 2018
**Ħin:** 8:35pm
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Preżenti**

Maria Dolores Abela - Viċi-Sindku
Stephanie Fenech - Viċi-Sindku
Claude Camilleri - Kunsillier
Dorcas Camilleri - Kunsillier
Joan Agius - Kunsilliera
Raymond Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali

**Skużati**

Amanda Abela - Kunsilliera
Joseph Hales - Kunsillier

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **01.01** | **Qari tal-ittri ta' apologiji** |
| **01.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| **01.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza** |
| **01.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| **01.05** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti** |
| **01.06** | **Affarijiet ohra; u** |
| **01.07** | **Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss** |

**02. 1.** **Qari tal-ittri ta' apologiji**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 1. 1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv | Informa li Abela ma setatx tattendi għal laqgħa minħabba mard (imejl annessa) | |
| 02. 2. 2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv | Informa li Hales ma setax jattendi għal laqgħa peress li kien indispost (imejl annessa) | |

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 2. 1 | | Proponent: Agius<br>Sekondant: Chircop | Il-Minuti 01/18 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet. | |
| 02. 2. 2 | 01.03.05 | Viċi-Sindku: Sezzjonijiet ta' Arti Marzjali | Trid tiżdied li dawn huma sezzjonijiet ta' Arti Marzjali (Budo) fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. | |
| 02. 2. 4 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**02. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02 2 5 | 01.02.07 | Agius: Pittura tas-Sur Attard | Agius informat lill-Kunsill li tkellmet mas-Sur Spagnol fejn talabha r-ritratti sabiex jibda jaħdem fuq il-pittura. | Agius |
| 02 2 6 | 01.02.13 | Caruana: Triq Santu Wistin | Caruana reġa staqsa dwar din it-triq. Is-Sindku qalet li għandna nistennew li jitlesta x-xogħol fi Triq Alfred Cachia Zammit sabiex naraw l-ammont ta' traffiku. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02 | 2 | 7 | 01.02.14 | Agius: Knis ta' toroq | Agius staqsiet dwar x'sar mis-*schedule*. Il-Viċi-Sindku qalet li hemm bżonn tiġi iktar simplifikata qabel tittella' *online*. Agius qalet li tajjeb li jkollna waħda l-Kunsill. | Viċi-Sindku |
| 02 | 2 | 8 | 01.02.15 | Camilleri C: Triq Ħal Tarxien | Camilleri C staqsa jekk ktibniex. Is-Segretarju qal li ktibna lill-TM u mill-aħħar korrispondenza li għandna, s-Sindku qalet li ser issir l-ewwel Triq Bormla. Camilleri C qal li għandna nipprotestaw sabiex dan ix-xogħol isir. Is-Sindku żiedet ukoll li kellna konferma li TM ser tkun qed tagħmel ix-xogħol biex jiġu irranġati t-toroq ta' madwar Triq Alfred Cachia Zammit. Ser isir rapport mill-Kunsillier Chircop dwar il-ħsara li hemm f'dawn it-toroq. | Chircop |
| 02 | 2 | 9 | 01.02.16 | Agius: Xogħol f'Qasam Ħal Tmin | Agius qalet li għad m'hemmx ftehim dwar ix-xogħol li jrid isir. | Agius |
| 02 | 2 | 10 | 01.02.20 | Agius: Berġa | Agius informat lill-Kunsill li ser issir laqgħa sabiex jiġi stabbilit ix-xogħol li hemm bżonn sabiex jibda l-irrinovar tal-Berġa. | Agius |
| 02 | 2 | 11 | 01.03.04 | Viċi-Sindku: *EUPA Youth Exchange* | Il-Viċi-Sindku informat lill-Kunsill li l-*weekend* li ġej ser jibdew jaslu ż-żgħażagħ li ser jipparteċipaw fil-*Youth Exchange* bl-ewwel grupp ikun mill-Polonja. Tal-Bulgarija jidher mhux ser jattendu. | Viċi-Sindku |
| 02 | 2 | 12 | 01.12.02 | Agius: Kamra fi Pjazza Carlo Diacono | Agius staqsiet fiex wasalna. Is-Sindku qalet li ppruvajna niċċekjaw minħabba devoluzzjoni pero din il-kamra ma tistax tgħaddi f'idejn il-Kunsill peress li hemm kera fuqha. | Sindku |
| 02 | 2 | 13 | 01.12.06 | Chircop: Artisti Żwieten | Chircop qal li ser jinġiebu l-pitturi tal-artist Angelo Clive Gerada sabiex jitwaħħlu fir-*reception* tal-Kunsill. | Chircop |
| 02 | 2 | 14 | 01.12.09 | Agius: Banner dwar Attivitajiet tal-Ġimgħa l-Kbira | Agius stqasiet x'qed isir dwaru. Chircop qal li qed jiġbor r-ritratti u informazzjoni biex dan isir. | Chircop |
| 02 | 2 | 15 | 01.12.10 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop staqsa jekk l-idea li kien ressaq hux se naħdmu fuqha. Kien hemm diskussjoni dwar dan u kien hemm qbil unanimu li dan isir. | Chircop |
| 02 | 2 | 16 | 01.12.12 | Agius: Rapport dwar sewqan perikoluż | Agius staqsiet jekk inġabarx ir-rapport mill-għassa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan għadu ma' nġabarx. Ġie suġġerit li ssir tabella fejn tavża li l-aċċess bil-vetturi għandu jkun biss għal vetturi li jwasslu t-tfal il-Manuċċa. | Segretarju Eżekuttiv |
| 02 | 2 | 17 | 01.12.18 | Agius: *Weekend Break* | Agius qalet li dan għadu ma sarx u ser isir fl-ewwel ġimgħa ta' Marzu. | Agius |
| 02 | 2 | 18 | 01.12.18 | Chircop: Ġnien iċ-Ċrieki | Chircop irringrazzja lis-Sindku għax xogħol li sar f'dan il-ġnien. | Chircop |
| 02 | 2 | 19 | 01.12.23 | Chircop: Itinerarju Turistiku | Chircop qal li lesta itinerarju turistiku li jista' jservi ta' gwida għal dawk li jiġu jistaqsu dwar akkomodazzjoni fiż-Żejtun. Ser tkun qed titella' fuq is-sit tal-Kunsill. Is-Sindku qalet li għandu jsir kuntatt magħhom sabiex ninfurmawom b'dan u bil-ħlas relattiv. | Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02 | 2 | 20 | 01.12.24 | Viċi-Sindku: *Work Placement* | Il-Viċi-Sindku qalet li Kurt Schembri ser jibda fl-14 ta' Frar sabiex jibda jippjana l-attivitajiet li ser ikun qed jorganizza. | Viċi-Sindku |

**02 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML01/18. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02 | 3 | 1 | | Għaqda Mużikali Beland: *Motor Show* | L-Għaqda Mużikali Beland resqet proposta sabiex issir wirja ta' karozzi fit-8 ta' April bejn it-8:00am u nofsinhar fil-parti ta' fuq ta' Vjal il- 25 ta' Novembru u Misraħ Karlu Diacono. Kien hemm qbil li ma hemmx problemi sabiex din issir. | |
| 02 | 3 | 2 | | Għaqda Mużikali Beland: *Beland Music Festival* | L-Għaqda Mużikali Beland resqet proposta sabiex il-*Beland Music Festival* jimxi għal Misraħ is-Suq. Kien hemm diskussjoni dwar dan u ser issir laqgħa mas-segretarju tal-Għaqda sabiex tiġi diskussa iktar fid-dettal. | |
| 02 | 3 | 3 | | Ramona Caruana - Ħsara f'vettura fi Triq Marsaxlokk | Saret diskussjoni fuq din it-talba li ma ġietx ġustifikata u għalhekk il-Kunsill ma jaqbilx li dawn jitħallsu. | |

**02. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

**02. 5. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02 | 5 | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 02/18 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 02 | 5 | 3 | | Talbiet għal Xiri Seduta 02/18 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 02 | 5 | 4 | | Petty Cash - Jannar 2018 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Jannar hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €130.78. | Segretarju Eżekuttiv |
| 02 | 5 | 5 | | | Ġie miżjud u approvat ħlas ta' 30% tal-*invoice* lill-Cerviola Hotel li jammonta għal €3330 bħala parti mill-proġett Erasmus + | |

**02 6 Affarijiet oħra; u**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02 | 6 | 1 | | Sindku: Skem ta' Fondi għal għoti ta' tarmak | Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li waqt laħħar laqgha tar-Reġjun Xlokk li saret nhar il 25 ta' Jannar 2018 , il-President is-Sur Paul Farrugia informa lill dawk preżenti li l-membri kollha tar-Reġjun Xlokk, inkluż il-Kunsill Lokali taż-Żejtun ser jingħataw €10,000 kull wieħed mill-fond tat-tarmak. Dawn il-fondi ser jingħataw għal proġetti li l-Kunsill diġa wettaq fil-Lokal. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02 | 6 | 2 | | Ħatra ta' *Health & Safety Officer* | Ġie maħtur s-Sur Camilleri bħala *Health & Safety Officer* li hu aċċetta din il-kariga. | Camilleri C |
| 02 | 6 | 3 | | Kawża mad-dipartiment tat-toroq | Ġie maqbul b'mod unanimu li għandha titħallas is-somma ta' €81,377.94 li tirrappreżenta s-*sorte.* Il-Kunsill madankollu ser jibqa' joġġeżżjona għal ħlas tal-interessi mitluba. | Segretarju Eżekuttiv |
| 02 | 6 | 4 | | Sindku: Żjara lill-Anzjani | Is-Sindku qalet li saret attivita' tal-Karnival ġewwa d-*Day Care Centre* fejn it-tfal tat-tieni sena primarja ta' Marsaskala kantaw u żifnu lill-anzjani preżenti. | Sindku |
| 02 | 6 | 5 | | Chircop: Serata mas-Sur Trevor Zahra | Chircop qal li s-serata letterarja mas-Sur Trevor Zahra ser issir fid-19 ta' Frar. | |
| 02 | 6 | 6 | | Chircop: Kompetizzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira | Chircop informa lill-Kunsill li għal sena oħra ser issir il-kompetizzjoni tal-armar tal-Ġimgħa l-Kbira. | Chircop |
| 02 | 6 | 7 | | Camilleri D: Nominazzjoni għal Premju Żaren Vassallo | Camilleri D informat lill-Kunsill li ġiet innominata s-Sinjura Rita Vella għal dan il-premju. | Camilleri D |
| **02** | **7** | | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fl-10:15pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta, 6 ta' Marzu 2018 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |